VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,789, 30 ta' Mejju, 2017
Taqsima B

A.L. 151 tal-2017

ATT DWAR L-ARMI
(KAP. 480)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw l-Iskedi I u III li jinsabu mal-Att dwar l-Armi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 65 tal-Att dwar l-Armi, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw l-Iskedi I u III li jinsabu mal-Att dwar l-Armi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Iskedi I u III li jinsabu mal-Att dwar l-Armi.

Kap. 480.

Jemenda l-Iskeda I tal-Att dwar l-Armi.

2. L-Iskeda I tal-Att dwar l-Armi għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-partita 6 taħt it-Taqsima I tagħha, il-kliem "50ċm" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "45ċm";

(b) il-partita 6 taħt it-Taqsima II tagħha għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"6. Kull forma ta' gass tad-dmugħ.".

Jemenda l-Iskeda III tal-Att dwar l-Armi.

3. Il-partita 5 taħt l-Iskeda III għandha tiġi mħassra.